31994R2029

L 206/7 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 9.8.1994

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2029/94
tat-8 ta' Awissu 1994
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2191/81 dwar l-għoti ta' l-għajnuna lill-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qliegħ għax-xiri tal-butir

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1880/94 [2] u partikolarment l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità tal-kontijiet tar-rati tal-kambju li għandha tkunu applikata għall-istrateġija komuni agrikola [3], kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 3528/93 [4], u partikolarment l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2191/81 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1756/93 [6], jaħseb għall-għoti ta' l-għajnuna lill-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qliegħ għax-xiri tal-butir;

Billi r-Regolament (KE) Nru 1881/94 [7], li kien l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2072/92 [8], li jiffissa l-prezz mira għall-ħalib u l-prezzijiet ta' l-intervent għall-butir, it-trab tal-ħalib xkummat u l-ġobon Grana Padano u Parmigiano Reggiano għaż-żewġ perjodi annwali mill-1 ta' Lulju 1993 sat-30 ta' Ġunju 1995, jaħseb għal iżjed tnaqqis fil-prezz tal-intervent tal-butir mill-1 ta' Awissu 1994;

Billi, għalhekk, l-għajnuna għax-xiri tal-butir kif hemm provvediment dwar dan fir-Regolament (KEE) Nru 2191/81 għandha tkun adottata;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2191/81, "ECU 138" hi hawnhekk mibdula bi "ECU 130".

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-8 ta' Awissu 1994.

Għall-Kummissjoni

Hans VAN DEN BROEK

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 21.
[3] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[4] ĠU L 320, tat-22.12.1993, p. 32.
[5] ĠU L 213, ta' l-1.8.1981, p. 20.
[6] ĠU L 161, tat-2.7.1993, p. 48.
[7] ĠU L 197, tat-30.7.1994, p. 23.
[8] ĠU L 215, tat-30.7.1992, p. 65.